**3 ta' April 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Joseph Brownrigg *noe*

*versus*

Frederick Heese *et noe*

## Rikonvenzjoni – Kontrotalba – Nota ta' l-Eċċezzjonijiet – Nota ta' l-Eċċezzjonijiet Ulterjuri

*Il-Qorti sabet li Kontrotalba rikonvenzjonali ppreżentata ma' Nota ta' Eċċezzjonijiet Ulterjuri kienet irritwali. Il-kontrotalba trid issir man-Nota ta' Eċċezzjonijiet fi żmien għoxrin jum min-notifika taċ-Ċitazzjoni.*

Il-Qorti: –

Fuq it-talba ta' l-attur *nomine* verbalizzata fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 1988, għall-isfilz tal-kontrotalba (tal-konvenut *nomine)* magħmula man-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tagħhom tas-16 ta' Mejju, 1988, peress li l-kontrotalba ma setgħetx issir f'dak l-istadju;

*Omissis;*

Illi l-attur *nomine* ppreżenta ċ-ċitazzjoni odjerna kontra l-konvenuti *nomine* fit-28 ta' Lulju, 1987, u din ġiet innotifikata lill-konvenuti *nomine* fis-26 ta' Novembru, 1987. Il-konvenuti

*nomine* ppreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom fl-14 ta' Diċembru, 1987;

Illi sussegwement, fis-16 ta' Mejju, 1988, il-konvenuti ppreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet oħra, u magħha għamlu kontrotalba kontra l-attur *nomine*. Din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti ġiet innotifikata lill-attur *nomine* flimkien mal-kontrotalba, fil-25 ta' Mejju, 1988. L-attur *nomine* baqa' ma wieġeb xejn għall-istess kontrotalba, sakemm fis-7 ta' Diċembru, 1988, talab l-isfilz tagħha u sussegwentement li jiġi lliberat mill-istess kontro-talba, kif hawn fuq ingħad;

Illi skond l-artikolu 398 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, meta l-proċediment ikun inbeda b'ċitazzjoni (kif inhu l-każ in eżami). Imbagħad skond is-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, kontro-talba magħmula f'nota ta' eċċezzjoni tkun tiswa daqs preżentata ta' ċitazzjoni dwar dik it-talba, li għandha tiġi nnotifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha. Fi kliem ieħor f'dan il-każ l-attur ikun irid josserva d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 158 ta' l-imsemmi Kodiċi, u kwindi jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu għall-kontro-talba tal-konvenut, fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba; u fin-nuqqas ikun ikkunsidrat li baqa' kontumaċi;

Illi l-attur ġie nnotifikat bil-kontro-talba, fil-25 ta' Mejju, 1988, u kif jidher mill-premess huwa baqa' kontumaċi għaliha, u kwindi ma jistax illum jitlob la l-isfilz ta' l-istess kontro-talba u lanqas li jiġi lliberat *"ab observantia"* minnha. Però stante li l-kwistjoni hija waħda ta' natura proċedurali, il-Qorti tista'

tqajjem l-eċċezzjoni hija *"ex officio"*; u jidhrilha li għandha tissolleva l-kwistjoni hija, kif qiegħda fil-fatt tagħmel, b'dan il-mod, *altrimenti* s-sitwazzjoni legali ssir kaotika – *salv s'intendi* li jista' jkun hemm temperament fil-kamp ta' l-ispejjeż, u salv id-dritt tal-konvenuti li jipproċedu indipendentement b'azzjoni *"ad hoc"* kontra l-attur *nomine, "si et quatenus"* lilhom spettanti l-istess azzjoni;

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa loġiku u evidenti li l-kontro-talba għandha ssir man-nota ta' l-eċċezzjonijiet "oriġinali" u mhux ma' nota ta' eċċezzjonijiet "ulterjuri" (kif għamlu l-konvenuti *nomine* fil-każ in eżami), għaliex din ta' l-aħħar m'hi xejn, *fit-termini ta' l-artikolu 158(10)*, ħlief *emenda tan-nota ta'* l-eċċezzjonijiet, jew f'każ li jgħaddi inutilment iż-żmien ta' 20 ġurnata min-notifika taċ-ċitazzjoni preskritt għall-preżentata tagħha skond il-liġi (art. 158(1) ), il-proċeduri bil-miktub preliminari għandhom jitqiesu li huma magħluqa (ara art. 158(1) ), u għandhom japplikaw l-artikoli 151 u 152, kollha tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (jiġifieri r-Reġistratur għandu, malli jingħalqu l-proċeduri bil-miktub preliminari, inizzel il-kawżi fil-kiteb li jinżamm għaldaqshekk, u jagħmel il-listi tal-kważi lesti għas-smigħ u javża lill-partijiet bil-ġurnata tas-smigħ tal-kawża);

Illi mill-premess jitnissel li l-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* hija rritwali;

Għal dawn il-motivi;

*Tipprovdi fuq l-inċident billi tiddikjara l-kontro-talba tal*-konvenuti *nomine* rrita u nulla, u konsegwentement tillibera lill-attur *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju kwantu riferibbli għall-istess kontro-talba, salv kull dritt spettanti lill-konvenuti *"si et*

*quatenus''* li jipproċedu kontra l-istess attur *nomine* f'ġudizzju separat u b'azzjoni *''ad hoc'';*

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet: jiġifieri kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha però dawk tar-reġistru jkunu a karigu tal-konvenuti *nomine.*